MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 411/2005

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**vs**

**Rose Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Citadel Insurance plc, li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ attrici, tramite s-servizzi ta’ Assikura Insurance Brokers Limited, harget polza tal-assikurazzjoni tat-tip ‘fully comprehensive’ Numru PCC/28/04/108498 lill-konvenuta odjerna fejn assikurat il-vettura taghha bil-marka Mitsubishi numru ta’ registrazzjoni TLN 480 (Dok. ‘A’).

L-imsemmija polza hija nulla u minghajr effett fil-ligi stante li harget b'qerq prattikat mill-konvenuta u/jew ghaliex l-istess konvenuta naqset li tizvela informazzjoni materjali li kienet mistennija tikkundizzjona d-decizjoni tas-socjeta' attrici li tohrog polza tal-assikurazzjoni.

Il-konvenuta tat *inoltre* informazzjoni inveritiera ghal domanda espressa kontenuta fil-'proposal form' (Dok. 'B') u dan billi meta l-konvenuta espressament mistoqsija jekk hija jew xi sewwieq awtorizzat kienx gie akkuzat jew misjub hati ta' offiza jew jekk kienx hemm xi akkuza pendenti, hija wiegbet fin-negattiv meta fil-fatt, kif jirrizulta mic-certifikat tal-kondotta ta' Godwin Spiteri mahrug mill-pulizija (Dok. 'C'), hija kellha twiegeb fl-affermattiv.

Dan l-agir, da parti tal-konvenuta, jammonta ghall-habi ta' fatti sostanzjali u/jew rapprezentazzjoni ta' fatti li kienu foloz f'partikolarita' sostanzjali u jaghti b'hekk lis-socjeta' attrici, il-jedd skond il-ligi li tannulla l-polza surreferita.

Fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta naqset milli tezercita, kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza tal-assikurazzjoni, l-'uberrima fidae' rikjesta minnu mil-ligi.

Is-socjeta' attrici pprocediet sabiex tikkancella '*ab initio*', il-polza imsemmija u dan ukoll skond il-kundizzjonijiet tal-istess polza.

Debitament interpellata sabiex tirritorna c-certifikat originali tal-assikurazzjoni bin-numru SCH 046698 mahrug u kkonsenjat lilha mis-socjeta' attrici jew, jekk dan jirrizulta mitluf jew distrutt, li taghmel u taghti lis-socjeta' attrici dikjarazzjoni mahlufa f'dan is-sens, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Talbet il-konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi l-polza tal-assikurazzjoni bin-numru PCC/28/04/108498 li tkopri l-uzu tal-vettura Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni TLN 480 inharget b'qerq prattikat mill-konvenuta u/jew ghaliex il-konvenuta naqset milli

tizvela informazzjoni materjali li kienet mistennija tikkundizzjona d-decizjoni tas-socjeta' attrici li tohrog tali polza u/jew ghaliex il-konvenuta tat informazzjoni inveritiera ghal domanda espressa kontenuta fil-'proposal form' u/jew li fi kwalunkwe kaz, il-konvenuta naqset milli tezercita, kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza tal-assikurazzjoni, l-'uberrima fidae' rikjesta minnu mil-ligi;

Tiddikjara li l-istess polza giet ghalhekk validament kancellata 'ab initio' skond il-kundizzjonijiet tal-istess polza u skond il-ligi;

Tordna lill-konvenuta tirritorna c-certifikat originali tal-assikurazzjoni numru SCH 046698 mahrug u kkonsenjat lill-konvenuta mis-socjeta' attrici jew jekk dan jirrizulta mitluf jew distrutt, li taghmel u taghti lis-socjeta' attrici dikjarazzjoni mahlufa f'dan is-sens.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghutha lill-konvenuta u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi kontra l-konvenuta.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, Rose Spiteri ghazlet li ma twegibx ghall-kawza u qatt ma deheret ghas-smiegh tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Is-socjeta' assikuratrici, f'dawn il-proceduri qed titlob lill-Qorti tiddikjara li l-polza mahruga minnha lill-konvenuta fuq vettura bin-numru TLN 480 ma tiswiex ghaliex l-istess konvenuta naqset li tizvela informazzjoni rilevanti li kienet

tinfluwixxi fuq id-decizjoni tal-assikurazzjoni meta nharget il-polza.

Edmond Zammit Laferla, divisional head tas-socjeta' attrici xehed hekk:

"*Jiena nokkupa l-kariga ta' Divisional Head mas-socjeta' attrici. F'dan il-kaz, Citadel harget polza tramite broker 'Assikura Insurance Brokers' bin-numru tal-polza PCC/28/04/108498 li tkopri l-karozza bin-numru TLN 480 li hija Mitsubishi RVR. Nirreferi ghal Dok. A mehmuz mac-citazzjoni li hija d-dokument tal-polza li nghatat lil Rose Spiteri li hija l-assikurata. Nirreferi ukoll ghal Dok. B li hija l-'proposal form' hekk kif mimlija u ffirmata minn Rose Spiteri bid-data 13 ta' Awissu 2004. Il-vettura TLN 480 kienet involuta f'incident tat-traffiku gewwa Rahal il-Gdid fit-8 ta' Marzu 2005 flimkien ma' tlett vetturi ohra. Ghal dan il-ghan qed nipprezenta 'Warden report' bin-numru 15477 immarkat Dok. EZL01. Qed nesebixxi ukoll kopja tal-claim forms hekk kif ipprezentata u ffirmata minn Rose Spiteri datata 9 ta' Marzu 2005 immarkata Dok. EZL02. Jirrizulta illi fil-mument tal-incident, il-vettura assikurata kienet qed tinstaq minn Godwin Spiteri (ID No. 2174M). Nispjega kif dahlet il-claim ahna ghamilna certi ricerki fir-rigward ta' claims check u sentenzi tal-Qrati Maltin fir-rigward ta' Rose u Godwin Spiteri. Irrizulta illi Godwin Spiteri kellu sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bin-numru 122/02, fejn gie kkundannat ghal sentejn prigunerija wara li l-Qorti sabitu hati ta' traffikar ta' droga. Qed nesebixxi kopja informali tas-sentenza mmarkata Dok. EZL03. Sussegwentement, ahna tlabna lil Godwin Spiteri sabiex igibilna certifikat tal-kondotta tal-pulizija esebit bhala Dok. C a fol. 25 u rrid nirrimarka li kien Godwin Spiteri stess li gabilna dan ic-certifikat. Hemmhekk giet ikkonfermata s-sentenza tal-appell surriferita. A bazi ta' dan kollu, ahna konna ghamilna referenza ghall-mistoqsija numru 9 fil-proposal form ipprezentat bhala Dok. B fejn ghall-mistoqsija "Have you and all additional drivers been prosecuted or convicted of any offence or is any such prosecution pending?", Rose Spiteri rrispondiet "Le". Nigbed l-attenzjoni ukoll ghall-fatt li fl-istess proposal form, Godwin Spiteri kien indikat bhala*

*'main user' tal-vettura assikurata jigifieri r-risposta ghall-mistoqsija numru 9 kienet tirreferi ghalih ukoll u allura r-risposta ghaliha kellha tkun fil-pozittiv stante s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. B'din l-informazzjoni f'idejna, ahna ddecidejna illi n-nuqqas da parti tal-assikurata li twiegeb korrettement ghall-mistoqsija numru 9 kien jammonta ghall-habi ta' informazzjoni materjali u pertinenti ghalina bhala assikuraturi u li allura kien hemm ksur car uberrima fidae.*

*Kieku ahna kellna dik l-informazzjoni f''underwriting stage', id-decizjoni taghha kienet tkun li ma naccettawx ir-riskju propost minn Rose Spiteri.*"

Id-dokumenti esebiti in atti, inkluz ic-certifikat tal-kondotta ta' Godwin Spiteri, il-formola mimlija minn Rose Spiteri meta nharget l-assikurazzjoni kollha, jikkonfermaw it-tezi tal-assikurazzjoni.

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fil-materja hija ben stabbilita u carissima.

"*Hu stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi "il-proposal form hija parti integrali tal-polza tal-assikurazzjoni, u kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (Vol. XXXVI, P.II, p.610).*"

"*Gie ritenut ukoll  illi "il-Qorti tifhem li hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f'kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-history taghha bhala is-soggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista' b'xi mod tinfluwenza d-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza.  L-istess kif id-ditta assiguratrici  hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu jkollha.  Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' uberrimae fidae u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh*" ("Baron vs Thos. C. Smith", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-8 ta' Ottubru 2004).

Imbaghad fil-kawza "Sammut vs Middle Sea Insurance plc" (deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 2004):

"*Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjeta` assikuratrici tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex tghazel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrima fides hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni billi, kif gie ritenut minn Lord Scrutton fil-kaz "Greenhill v Federal Insurance Co. (1927): "Now insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that this position be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he is not taken as knowing, so that the contract may be entered into on an equal footing." Infatti kif gie ritenut fil-kaz "Pickersgill v London & Prov. Marine" (1912): "The duty to make a full disclosure proceeds from an implied term in the contract <u>precedent</u> to the insurers liability." Relevanti ghal dan huwa dak li jinghad fis-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddefinixxi l-kelma "material" bhala haga "of such a nature as to influence the judgement of a prudent insurer in determining whether he will take the risk, and, if so, at what premium and on what conditions".*"

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis illi dak li Rose Spiteri hbiet mis-socjeta' assikuratrici, u cioe' l-fatt li zewgha kien gie misjub hati ta' reat serju ta' pussess u traffikar ta' droga. Kien wiehed materjali fis-sens illi kieku kienet a konoxxenza tieghu, is-socjeta' assikuratrici kienet tkun gustifikata tirrifjuta li tohrog il-polza.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' Citadel Insurance plc; tilqa' t-tieni talba; tilqa' t-tielet talba; bl-isepjjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Rose Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------